MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 2/2009

Go plc (C22334)
vs
Lorry Bugeja

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-6 ta' Jannar 2009, li jghid hekk :

'Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Go plc is-somma ta' erba' mija u sitta u disghin Ewro u sitt centezmi (€496.06) dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21580083 [A/C no. 10192988] skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u dawk tal-ittra ufficjali numru 633/2008 datata 15 ta' Ottubru 2008, bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh, fit-termini tal-artikolu 187(3)(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, la deher u lanqas ipprezentat risposta.

Fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2009, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Illi l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici huwa ghall-hlas in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numru 21580083 li gie nstallat fil-fond Flat 10, Independence Flats, Triq It-Turisti, Qawra, Malta, fuq talba tal-konvenut. Jirrizulta li l-konvenut halla bilanc ta' €496.06 f'arretrati tal-kontijiet mal-kumpannija attrici meta gie biex inehhi s-servizz f'Dicembru 2002, liema arretrati baqghu ma gewx saldati, u l-bilanc pretis baqa' qatt ma gie kkontestat.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u disghin Ewro u sitt centezmi (€496.06) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon li jgib in-numru 21580083 [A/C no. 10192988], bl-imghax legali b'effett mid-data tal-ittra ufficjali ufficjali tal-15 ta' Ottubru 2008 (Ittra numru 633/08) sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluza wkoll tal-imsemmija ittra, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------